**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**


*Uffiċċju Parrokkjali 21551649 • www.nadurparish.com • nadurparish@churchingozo.mt / nadurparishoffice@gmail.com*



## Nawgurawlhom u nitolbu għalihom



Hekk kif ftit tal-jiem ilu d-djaknu **Fabio Cini** ħalla xtutna biex jibda l-esperjenza tiegħu ġewwa Salamanca fi Spanja, issa ser ikollna magħna lis-seminarista **John Xerri** mill-parroċċa tal-Għasri. John ser ikun preżenti magħna kull weekend biex jgħin fil-grupp sabiħ tal-abbatini tagħna u fil-pastorali mal-adolexxenti taċ-Ċentru. Nitolbu għalih u nagħmlulu kuraġġ fil-mixja vokazzjonali tiegħu.





Nawguraw u nitolbu wkoll għas-seminaristi tagħna: **Michael Paul Camilleri** li qed jibda l-ewwel sena fis-Seminarju t'Għawdex u jgħin fil-parroċċa ta' San Lawrenz; u **Jamie Buttigieg** li se jibda s-sena intermedjarja tiegħu ġewwa Turin fl-Italja. Hu ser jaħdem l-iktar mat-tfal u ż-żgħażagħ fl-Oratorju Michele Rua. Jalla dawn l-esperjenzi jkomplu jsaħħuhom fl-imħabba lejn Alla u lejn il-Knisja skont l-għażla vokazzjonali tagħhom.



Nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru fil-Quddiesa tal-Ħadd nagħtu merħba lil **Dun Mario Mercieca Pavia** li ser ikompli l-ħidma ta' **Dun Mark Bonello** fil-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna. Lil Dun Mark insellmulu u nirringrazzjawh fil-Quddiesa tal-11.00am tal-Ħadd 4 ta' Ottubru.

**Tberik tat-tfal fil-bidu tas-Sena Skolastika ġdida**
Niltaqgħu nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru għall-Quddiesa tal-Familja, fl-9.45am. It-tfal iġibu s-satchels magħhom u nagħtuhom tifkira żgħira. Wara nieħdu kafè u xi ħaġa tajba flimkien fuq iz-zuntier.



**BBQ b'risq ir-restawr tal-pasta u l-induratura tas-saqaf tal-Bażilika.** Illejla l-Ħadd 20 ta' Settembru fis-7.30pm quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali organizzat mill-għaqdiet tal-armar ta' Triq il-Knisja u Triq il-Kappillan u bil-għajnuna ta' għaqdiet oħra tal-festa! Grazzi tal-inizjattiva. Narawkom.

**Iċ-Ċimiterji** ser ikunu miftuħa għada t-Tnejn 21 ta' Settembru mis-7.00am sas-7.00pm.

**Ġabra Speċjali tal-aħħar weekend tax-xahar 26 u 27 ta' Settembru** b'risq ir-restawr tas-saqaf tal-Bażilika. Nirringrazzjawkom tas-sapport kontinwu tagħkom! Dan ix-xogħol kollu ma jkunx possibbli mingħajr l-għajnuna kontinwa tagħkom!

**Kors tat-Tħejjija għaż-Żwieġ u l-Ħajja tal-Familja**
Inħeġġu lill-koppji li qed jaħsbu biex jiżżewġu fis-snin li ġejjin sabiex jinkitbu u jibdew il-preparazzjoni minn sentejn qabel. L-applikazzjonijiet jinġabru mill-Uffiċċju Parrokkjali. L-ewwel laqgħa tal-għarajjes tkun nhar is-Sibt 26 ta' Settembru 2026. Nibdew bil-quddiesa tas-7.00pm fil-Bażilika u dritt wara nkomplu fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali.

**Avviżi mill-NTYC:**
Iż-żgħażagħ u l-Catenians jistednukom għal serata li fiha dawk li marru l-Guatemala ser jirrakkontaw l-esperjenza tagħhom, filwaqt li l-Catenians, li sponsorjaw parti mill-vjaġġ tagħhom, ser jippreżentaw il-grupp tagħhom lil dawk interessati. Dan ser isir nhar it-Tnejn 21 ta' Settembru fis-7.30pm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Wara ser ikun hemm xi refreshments għal dawk li jattendu.

Se ssir freshers' activity nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru lill-istudenti li din is-sena se jkunu Form 2 (Yr 8). Permezz ta' din l-attività ser ikunu jistgħu jaraw iċ-Ċentru u fejn isiru l-laqgħat. Imbagħad ser jaqsmu flimkien mument ta' ferħ permezz ta' xi logħob. L-attività tibda fis-6.00pm. Se jkun hemm ukoll hotdogs b'xejn għal min jixtieq.

**IL-ĦIN TAL-QUDDIES**

BAŻILIKA. **Fost il-ġimgħa**: 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm.
**Ħdud u festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm.
KAPPELLA TAS-SORIJIET. **Fost il-ġimgħa**: 7.00am. **Ħdud:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż).
KNISJA QALB TA' ĠESÙ. **Fost il-ġimgħa**: 11.00am. **Ħdud:** 7.00am.
KAPPELLA S. TEREŻA TA' KALKUTTA (TA' KENUNA). **Ħdud:** 7.30am.

**SAINT PETER AND SAINT PAUL PARISH • Nadur • Gozo**

*Parish Office 21551649 • www.nadurparish.com • nadurparish@churchingozo.mt / nadurparishoffice@gmail.com*

**20th September 2026**



A few days ago, Deacon **Fabio Cini** left Malta to begin a new experience in Salamanca, Spain. We now welcome among us Seminarian **John Xerri** from the parish of Għasri. John will be with us every weekend, helping with our wonderful altar servers' group and with the pastoral work among the teenagers at the Centre. Let us keep him in our prayers and encourage him throughout his vocational journey.





We also wish every blessing to our seminarians: **Michael Paul Camilleri**, who is beginning his first year at the Gozo Seminary and will be helping in the parish of San Lawrenz. **Jamie Buttigieg**, who is beginning his intermediate year in Turin, Italy, where he will be working mainly with children and young people at the Michele Rua Oratory. May these experiences continue to strengthen them in their love for God and for the Church, as they discern and follow their respective vocational callings.



On Sunday 27 September, during the Sunday Mass, we will welcome **Fr Mario Mercieca Pavia**, who will continue the pastoral work of **Fr Mark Bonello** among our adolescents and young people. We will bid farewell to Fr Mark and express our gratitude for his service during the 11:00am Mass on Sunday 4 October.

We invite all families to join us on Sunday 27 September for the Family Mass at 9:45am. Children are encouraged to bring their school bags with them. They will also receive a small keepsake. After Mass, we will gather together on the church parvis for coffee and something delicious to share. We Wish Them Well and Keep Them in Our Prayers.



**A BBQ in aid of the restoration of the paintings and gilding of the Basilica ceiling** will be held tonight, Sunday 20 September, at 7:30pm, in front of the Parish Centre. The event is being organised by the feast associations of Triq il-Knisja and Triq il-Kappillan, with the support of other feast organisations. Thank you for this wonderful initiative and for your continued support. We look forward to seeing you there!

**The cemeteries** will be open tomorrow, Monday 21 September, from 7:00am to 7:00pm.

There will be a special collection on the last weekend of September, 26 and 27 September, in aid of the restoration of the Basilica ceiling. We sincerely thank you for your continued generosity and support. This important work would not be possible without your help.

We encourage couples who are considering getting married in the coming years to register for the Marriage and Family Life Preparation Course and begin their preparation around two years before their wedding.Applications are available from the Parish Office. The first meeting for engaged couples will take place on Saturday 26 September 2026. We will begin with Mass at 7:00pm in the Basilica, followed immediately afterwards by the meeting in the Parish Centre Hall.

The NTYC, together with the Catenians, warmly invite you to an evening during which the young people who travelled to Guatemala will share their experiences. The Catenians, who generously sponsored part of their trip, will also introduce their organisation to anyone interested in learning more about the group. This will be on Monday 21 September at 7:30pm at the Parish Centre. Refreshments will be served afterwards.

The NTYC is organising a special freshers' activity on Wednesday 23 September for students who will be starting Form 2 (Year 8) this year. This will give the students an opportunity to visit the Centre, to get to know the place in a relaxed and enjoyable atmosphere. Games will also be organized. The activity starts at 6:00pm, and refreshments will also be available.

## HOLY MASS TIMES

BASILICA. **Weekdays**: 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm.

**Sundays & Feastdays:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm.

FRANCISCANS' CHAPEL. **Weekdays**: 7.00am. **Sundays:** 6.15am; 10.00am (in English).

SACRED HEART CHURCH. **Weekdays**: 11.00am. **Sundays:** 7.00am.

ST. THERESA OF CALCUTTA (TA' KENUNA) CHAPEL. **Sundays:** 7.30am.